MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 2347/1997/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Raymond Mallia u b'digriet tas-16 ta' Gunju 1998, gie kjamat in kawza Ben Allal Missoum**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Frar 2000, li tghid hekk:

**"I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenut, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 373641 fil-fond 'Blye', Trig Vincenzo Hyzler, San Gwann, u dana skond ma' kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe` kopja fotostatika awtentika tas-'*service agreement'* ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess '*service agreement'* l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' Lm3554.85 (tlett elef, hames mija u erbgha u hamsin lira maltin u hamsa u tmenin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (*pulses/calls*), xoghol extra, kera tal-linja, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma' kif jirrizulta mill-anness *'statement'* immarkat bhala dokument B;

Ukoll illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa` inadempjenti a ghalhekk kellha ssir dina l-kawza,

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-korparazzjoni attrici s-somma ta' Lm3554.85 dovuta ghall-uzu (*pulses/calls*), xoghol extra, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konessjoni mas-servizz telefoniku hawn fuq

imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittri ufficjali tal-16 ta' Mejju 1997 u l-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process

Rat id-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni attrici;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tas-sub-artikoli (a) u (f) tal-Art 2148, kif ukoll, ghall-parti li tirrigwarda t-taxxa, l-Art 2149 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, li l-eccipjent m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju *stante* li l-fond li fih kien hemm it-telefon in kwistjoni kien regolarment okkupat u kontrollat minn certu Ben Allal Missoum;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut a fol 11 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 1998 fejn Dr George Cutajar talab korrezzjoni fis-sens li flok il-kliem 'Telemalta Corporation' jokkorru l-kliem 'Maltacom p.l.c.'. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat tali korrezzjoni ssir fl-atti kollha tal-kawza. Dr Louis Vella talab il-kjamat in kwaza ta' Ben Allal Missoum. Dr George Cutajar oppona. Dr Louis Vella obbliga ruhu fi zmien gimgha biex jipprezenta nota bl-indirizz ta' Ben Allal Missoum. Il-Qorti laqghet it-talba tal-kjamat in kawza ta' Missoum. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Dicembru 1998.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Dicembru 1998 u tal-25 ta' Marzu 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 1999 fejn il-PL Scerri ndika l-Qorti li n-nota ta' eccezzjoonijiet tal-kjamat in kawza saret '*fuori termine*' u talab l-isfilz taghha. Il-Qorti rat ir-riferta a tergo ta' fol 22 tal-process fejn il-kjamat in kawza gie notifikat fid-19 t'April 1999 u l-eccezzjonijiet saru biss fid-19 ta' Mejju 1999 u ghalhekk saru *fuori termine* u ordnat l-isfilz tal-istess nota ta' eccezzjonijiet mill-process. Il-kawza giet differita ghall-provi ghall-10 ta' Novembru 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 1999 fejn il-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici kkonferma bil-gurament li ma saru ebda hlasijiet fil-mori u kkonferma li l-kontenut tac-citazzjoni bid-dokument maghha annessa u ddikjara li m'ghandux provi aktar. *In vista* tar-rikors prezentat fl-10 ta' Novembru 1999, il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut u okkorrendo tal-kjamat in kawza ghall-1 ta' Dicembru 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 1999 fejn xehdu bil-gurament Raymond Mallia, Ben Allal Missoum u Bernardette Schembri. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Frar, 2000.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tlett elef, hames mija u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3554.85) dovuta ghall-uzu (*pulses/calls*), xoghol extra, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 373641 installat fil-fond 'Blye', Triq Vincenzo Hyzler, San Gwann, fuq talba tal-istess konvenut.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan is-servizz gie nstallat fil-fond imsemmi fic-citazzjoni fuq applikazzjoni tal-istess konvenut Raymond Mallia tal-10 ta' Settembru 1991 (Dok A - fol 5). Mill-prospett (Dok B - fol 6) dettaljat jirrizulta li l-ammont ikopri l-perjodu Marzu 1993 sa Dicembru 1996. Jirrizulta bhala fatt li l-att tac-citazzjoni wasal ghand il-konvenut Mallia fis-26 ta' Mejju 1998, mentri ghand il-kjamat in kawza dan l-att wasal ghandu fid-19 ta' April 1999. Ic-citazzjoni giet presentata fl-14 t'Ottubru 1997. Jidher ukoll mill-istess citazzjoni attrici li giet presentata ittra ufficjali kontra l-konvenut Mallia, li ma gietx ikkontestata, fis-16 ta' Mejju 1997.

**(I) L-EWWEL ECCEZZJONI.**

Illi l-konvenut Mallia bhala l-ewwel eccezzjoni eccepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikoli (a) u (f) tal-Art 2148, kif ukoll ghall-parti li tirrigwarda t-taxxa, l-Art 2149 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-preskrizzjoni eccepiet a bazi tal-Artikolu 2148 (a) u (f), l-Artikolu 2148 (a) hija ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar u tirreferi ghall-azzjonijiet tal-hajjata, skarpan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu mentri l-Artikolu 2148 (f) hija ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar u tirreferi ghall-"*azzjonijiet ta' kull persuna ghall-hlas ta' kera ta' hwejjeg mobbli".*

Illi dwar din l-ewwel eccezzjoni ssir referenza ghas-sentenza moghtija min din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Anne Micallef** (Deciza fit-13 ta' Jannar 2000 - Cit Nru 2927/97/RCP) fejn saru diversi referenzi ghad-decizzjonijiet moghtija minn dawn il-Qrati rigward il-preskrizzjoni f'kazi simili. Illi fil-kaz appena riferit gie deciz li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin *ai termini* tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jinstab stabilit fl-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet **'Maltacom p.l.c. vs Charles Pool'** (FGC 5 ta' Novembru 1999); **'Korporazzjoni Telemata vs Carmel Dingli'** (GV

28 t'April 1997); **'Savioiur Farrugia nomine vs Albert Pearson'** (2 ta' Mejju 1997).

Illi peress li tali servizz baqa' provdut interrottament sa Dicembru 1996, jirrizulta li l-perjodu preskrittiv ta' hames snin ma lahaqx iddekorra la mal-presentata tac-citazzjoni fl-14 ta' Ottubru 1997, u lanqas sal-presentata tal-eccezzjonijiet fil-15 ta' Gunju 1998, u fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni giet interrotta fl-istess terminu bin-notifika tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju 1997, u debitament notifikat fit-termini utili ghalhekk anke f'dan ir-rigward, l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

Illi dwar l-Artikolu 2149 (e) imqajjem mill-konvenut Mallia ghall-parti li tirrigwarda t-taxxa, dan l-Artikolu jirreferi ghall-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' spejjez gudizzjarji, dazji jew "***<u>other dues</u>***", u ghalhekk m'ghandux x'jaqsam xejn mal-kaz odjern, u kwindi din l-eccezzjoni lanqas ma tista' tigi milqugha.

<u>(II) It-Tieni Eccezzjoni.</u>

Illi l-konvenut Mallia eccepixxa wkoll li m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju *stante* li l-fond li fih kien hemm it-telefon in kwistjoni kien regolarment okkupat u kontrollat minn certu Ben Allal Missoum.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Gunju 1998 intalbet seduta *stante* mid-difensur tal-konvenut il-kjamat in kawza ta' Ben Allal Missoum. Il-Qorti laqghet tali talba.

Illi l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda mtella' quddiemha.

Illi pero` ghandu jinghad illi dwar din l-eccezzjoni din, m'ghandiex rilevanza ghall-kawza odjerna, *di fronte* ghas-socjeta` attrici, ghaliex ir-relazzjoni tas-socjeta` attrici kienet u baqghet dejjem mal-istess konvenut Raymond Mallia. Illi fil-kopja tas-*service agreement* (Dok A - fol 5) jirrizulta li l-applikazzjoni kienet saret fuq talba tal-konvenut Mallia, li l-isem fid-direttorju tat-telefon kellu jkun

f'ismu u dan anki jekk effettivament il-firma fuq l-applikazzjoni mhux tal-konvenut Raymond Mallia izda ta' Pauline Cilia. Illi pero` din kienet awtorizzata biex tagixxi b'dan il-mod, tant li fl-applikazzjoni stess gie hekk imnizzel, u *inoltre`* ma kien hemm l-ebda konstestazzjoni dwar dan il-fatt. Illi dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghar-relazzjoni li setghet ezistiet jew tezisti bejn il-konvenut Raymond Mallia u l-kjamat in kawza Ben Allal Missoum. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici, a bazi tal-premess ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3554.85) dovuta ghall-uzu (*pulses/calls*), xoghol extra, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 373641, liema servizz kien gie stallat fil-fond "Blye" Triq Vincenzo Hyzler, San Gwann, mis-socjeta` attrici fuq talba tal-istess konvenut Raymond Mallia.

Tillibera l-kjamat in kawza mit-talbiet attrici, salv kull dritt li jista' jkun spettanti lill-konvenut kontra l-kjamat in kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju 1997, u bl-imghax legali mid-data tas-16 ta' Mejju 1997 sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut."

## L-APPELL TAL-KONVENUT

2. Il-konvenut Raymond Mallia hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u bil-prezenti qed jappella minnha fl-intier taghha ghar-ragunijiet li ser jigu specifikati aktar l-isfel.

3. Il-konvenut appellant jirrileva li hu ta zewg eccezzjonijiet ghat-talba attrici:-

(a) dik tal-preskrizzjoni ghar-rigward tal-azzjoni attrici, a bazi tal-art 2148 (a) u (f) tal-Kodici Civili u, limitatament ghall-parti li tirrigwarda t-taxxa tal-VAT, a bazi tal-art. 2149 (e) tal-istess Kodici: u

(b) subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, li huwa m'huwiex il-legittmu kontradittur stante li l-fond li fih kien hemm it-telefon in kwistjoni kien regolarment okkupat u kontrollat minn certu Ben Allal Missoum.

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata, annessa man-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu, l-esponent ghamilha cara li hu kien qed jeccepixxi l-preskrizzjoni mhux biss MINN KULL KONT INDIVIDWALI, izda wkoll minn mindu nghalaq l-ahhar kont. Inoltre, l-esponent halef ukoll li hu qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997, riferita fl-ahhar l-att tac-citazzjoni, u li dan ghandu jigi rifless ukoll fil-kap tal-ispejjez. Dwar il-meritu l-esponent halef li qatt ma uza t-telefon in kwistjoni stante li l-fond li fih kien imwahhal kien okkupat regolarment minn certu Ben Allal Missoum.

## L-AGGRAVJI TAL-APPELLANT

L-appelant jissottometti li l-Ewwel Qorti messha tat kaz tad-difensur tal-esponent u ddecidiet l-Eccezzjoni ta' Preskrizzjoni b'sentenza separata qabel l-eccezzjoni l-ohra fil-meritu (moghtija specifikatament b'mod subordinattiv u bla pregudizzju ghall-ewwel wahda). Kif inghad fl-Appell Civili fl-ismijiet "Emanuel Gatt et. –vs- Francis Grima et.", deciz fis-16 ta' Marzu 1993, (Vol. LXXVII/**II**/p.262): "Issa minn ezami ta' l-eccezzjoni ulterjuri (ta' preskrizzjoni) jidher car li din kellha tigi deciza qabel l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u dan billi jekk din tigi milqugha, il-Qorti ma kienx ikollha ghalfejn tidhol biex tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra li jirrigwardaw il-mertu."

L-Ewwel Qorti kellha timxi b'dan il-mod anki ghaliex, la darba l-preskrizzjoni eccepita hija bazata fuq artikoli riferiti fl-art.2160 tal-Kodici Civili, l-esponent seta' jigi mistoqsi biss jekk jistqarrx (o meno) "li m'huwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.". Gie dejjem ritenut li l-konvenut f'cirkostanzi simili ma jistax jigi mgieghel jirrispondi ghal domandi ohra fil-meritu hlief din il-"formula" partikolari. Infatti, attur rinfaccjat b'eccezzjoni ta' preskrizzjoni simili irid jaghzel jew li jissottometti lill-konvenut ghal dan il-gurament jew jirribatti l-preskrizzjoni bi provi ohra biex juri li l-perijodu preskrittiv gie interrott, per ezempju b'ittra ufficjali.

Issa minn dan kollu ma sar xejn ghaliex, minkejja li l-esponent, fid-dikjarazzjoni tiehgu, kien cahad li qatt irceva l-ittra ufficjali riferita fic-citazzjoni, l-attrici ma esibitx kopja legali tal-istess ittra bir-riferta_taghha biex tipprova n-notifika skond il-ligi. Infatti, minn ricerka li ghamel l-esponent, jirrizulta li din l-ittra ufficjali, ghalkemmipprezentata, qatt ma giet notifikata lill-esponent. Ghalhekk, huwa verament stramb (u indikattiv tal-mod kif giet redatta s-sentenza) kif l-Ewwel Qorti, f'pagna 6 tas-sentenza (fl-ahhar tal-ewwel paragrafu) ikkonkludiet: "Jidher ukoll mill-istess citazzjoni attrici li giet prezentata ittra ufficjali kontra l-konvenut Mallia, *li ma gietx ikkontestata,* fis-16 ta' Mejju 1997."!? U sahansitra, fl-ahhar ta' pagna 7, tmur oltre u tghid: "u fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni giet interrotta fl-istess terminu BIN-NOTIFIKA tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju 1997, u debitament NOTIFIKAT fit-terminu utili ghalhekk anke f'dan ir-rigward, l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha."!?

Illli l-esponent jirrileva wkoll li, meta giet biex tichad il-preskirzzjoni sollevata minnu, l-Ewwel Qorti qatghet fil-qasir u, wara li ghamlet riferenza ghal dak li kienet iddecidiet fit-13 ta' Jannar 2000, fil-kawza "Maltacom p.l.c vs. Anne Micallef" (Cit. Nru. 2927/97/RCP), spiccat biex iccitat l-artikolu 2156(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta". Peress li dan is-subartikolu tal-ligi ma jezistix, biex jifhem ghal x'hiex kienet qed tirreferi l-Qorti, l-esponent kellu jfittex u jaqra s-sentenza ccitata u b'hekk sar jaf li dak li

kellha f'mohha l-Ewwel Qorti kien l-art.2156(f) u ghalhekk kien kaz ovvju ta' zball ta' "typing". Pero', dan kollu sewa biex l-esponent irrejalizza li s-sentenza appellata ma kienet xejn aktar hlief kopja ta' din is-sentenza precedenti, hlief ghal isem il-konvenut u tal-kjamat in kawza u l-ammont tas-sorte. Mhux ta' b'xejn li l-esponent u d-difensur tieghu baqghu skantati meta raw dak li kienet ikkonkludiet l-Ewwel Qorti!?

Huwa verament deplorevoli (u forsi sintomu tal-mentalita` tas-"slot machines") kif Qorti, li kellha quddiemha sorte ta' kwazi LM4000, tasal biex tiddecidiha semplicement billi taghmel riferenza "lock, stock and barrel" ghal sentenza precedenti taghha li, effettivament, kull ma kellhom in komun kien li t-tnejn kienu kawzi tal-Maltacom! Infatti, bejn iz-zewg kawzi (kif jidher car minn ezami komparattiv) hemm differenzi sostanzjali:

Fil-kawza precedenti l-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni a bazi tal-art.2156(f) u 2148(f) tal-Kodici Civili, filwaqt li f'dik prezenti l-artikoli citati huma **2148(a)** u (f), kif ukoll **2149(e)** unikament ghar-rigward tal-V.A.T.

Fil-kawza precedenti l-konvenuta, ghalkemm talbet ukoll il-kjamat in kawza ta' terza persuna, fil-prattika la insistiet ghal din il-kjamata u lanqas ressqet provi in sostenn tal-eccezzjoni taghha. Ghall-kuntrarju, fil-kawza prezenti l-esponent mhux biss halef fid-dikjarazzjoni tieghu li qatt ma rceva l-ittra ufficjali tal-Maltacom, izda wkoll talab u ottjena l-kjamat in kawza ta' Ben Allal Missoum, li sussegwentement gie dikjarat kontumaci. Inoltre, f'din il-kawza (kuntrarjament ghal dik citata), l-Ewwel Qorti semghet ix-xhieda kemm tal-esponent u kemm tal-kjamat in kawza u ta' xhud minnu prodotta (dan minkejja l-kontumacja tieghu!) – vide seduta tal-1 ta' Dicembru 1999.

L-appellant jirrileva wkoll li malli spiccaw il-provi kif riferiti, li minnhom irrizulta bic-car li l-kjamat in kawza kien qed jammetti li kien hu u hbieb Libjani ohra tieghu li tellghu dak il-kont kollu tat-telefon, l-Ewwel Qorti stiednet lill-partijiet biex ihallu f'idejha flok joqghodu jitrattaw. L-

esponent u d-difensur tieghu fic-cirkustanzi ma setghux ma jiehdux l-impressjoni li l-Ewwel Qorti kienet accettat it-tezi tal-esponent fil-meritu. Din l-impressjoni ma kienitx wahda frivola, izda bbazata fuq l-atteggjament tal-Imhallef sedenti, partikolarment fuq it-tip ta' mistoqsijiet li ghamel lill-kjamat in kawza. Rinfaccjati b'din is-sitwazzjoni l-esponent u d-difensur tieghu hallew f'idejn l-Ewwel Qorti u ma ittrattaw xejn, lanqas dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Kienet ghalhekk sorpriza mill-kbar meta huma skoprew il-kontenut tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Illi, kif jghid il-qawl, il-gurnata minn filghodu turik. Kif jidher mill-atti, wara xi differimenti sakemm gie notifikat il-kjamat in kawza, waslet is-seduta tal-10 ta' Novembru 1999 li kienet semplicement "ghall-provi". Dakinhar id-difensur tal-esponent dahal fl-awla fid-9.30a.m. u sab li kien gia xehed il-P.L. Noel Scerri (minkejja li ma kienx dikjarat) ghall-attrici u l-kawza giet **<u>POSPOSTA</u>** GHAS-SENTENZA! L-Ewwel Qorti lanqas biss riedet tisma' lid-difensur tal-esponent, li kellu dak il-hin stess jipprezenta rikors fir-Registru u jara li jingieb immedjatament ghall-attenzjoni tal-istess Qorti. Ghalkemm dan ir-rikors jispjega ruhu wahdu, ta' min jenfasizza li l-Ewwel Qorti kienet ovvjament bl-impressjoni hazina li kien l-esponent (flok il-kjamat in kawza) li kien ipprezenta l-eccezzjonijiet tardivament u gie dikjarat kontumaci!

Illi ghalkemm dawn in-nuqqasijiet serji jistghu jigu deskritti bhala ksur tad-dritt kostituzzjonali ta' smiegh xieraq, l-esponent qed jillimita ruhu ghall-appell semplici biex ma jkabbarx l-affarijiet. Madankollu, l-esponent hass li kellu jenfasizza r-retroxena ta' dan il-kaz biex juri x'wassal ghat-tahwid li waslet ghalih l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Infatti, ghal dik li hi preskrizzjoni l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox l-argument a bazi tal-art.2148(a) tal-Kodici Civili.

Ghalkemm l-appellant jaf li normalment fil-kawza ta' Maltacom dejjem gie ritenut li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin a bazi tal-art.2156(f), hu hass li kellu jissottometti argument li forsi qatt ma gie kkunsidrat mill-Qrati taghna. Infatti, fl-artikolu 2148 (a) insibu li, fost

l-azzjonijiet preskritti bl-gheluq ta' tmintax-il xahar, hemm dik "ta' persuni ohra li jahdmu ………… arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu,". L-esponent jissottometti li, meta wiehed iqis li dan il-kliem ta' ligi baqa' kif kien anki wara l-invenzjoni tat-telefon, wiehed ghandu jaghmel daqsxejn ta' koncessjoni fl-interpretazzjoni. Wara kollox, is-servizz telefoniku huwa bbazat fuq stallazzjoni ta' **taghmir u apparat** li jigi stallat ghand l-abbonat u li jkun ikkomunikat ma' l-abbonati l-ohra kollha pemezz ta' "**cables**" u **apparat** stallat fl-"**Exchanges**" tal-Maltacom. L-esponent, ghalhekk, jissottometti li dan is-sistema, bl-apparat kollu tieghu, sofistikat kemm hu sofistikat, jista' ragonevolment jigi kopert fil-frazi "**arti mekkanika**". Dan l-argument huwa msahhah mill-fatt li l-artikolu 2151, li jaghmel riferenza, fost l-ohrajn, ghall-artikolu 2148, jitkellem fuq il-possibilita' ta' "**kontinwazzjoni ta' ……. Servizzi**". Dan, fil-fehma tal-esponent, juri li l-Legislatur kellu f'mohhu kaz ta' xogholijiet ta' arti mekkanika li jipprovdu servizz fuq bazi kontinwata, proprju bhal kaz tat-telefon.

Ghal dak li hu l-mertu tal-kaz, dejjem minhabba l-fatt ta' kif giet redatta s-sentenza tal-Ewwel Qorti, jidher bic-car li l-provi prodotti mill-esponent u dak li hareg mix-xhieda tal-kjamat in kawza gew ghal kollox injorati. Infatti, jekk wiehed jezamina sew ix-xhieda tal-kjamat in kawza wiehed jittendi li dan imkien ma jichad li l-kont kbir tat-telefon ma tellghux hu u l-Libjani l-ohra li uzawh bil-permess tieghu. Inoltre, l-istess kjamat in kawza allega fix-xhieda tieghu li hu personalment kien hallas ta' parti mill-kontijiet lil certa Pauline Cilia li tahdem mal-esponent. Dan juri kemm hu jammetti li r-responsabilita` ghall-hlas kienet tieghu. Ovvjament, dak li allega dwar il-hlas baqa' fl-ajru ghaliex, minkejja li qal li hallas kontanti, huwa ma gab ebda ricevuta ghal dan il-hlas u lanqas talab li jtella lill-imsemmija Pauline Cilia bhala xhud dwar dawn l-allegati pagamenti.

Dejjem b'rizultat tat-tahwid fis-sentenza, jidher li l-Ewwel Qorti hawwdet dak li sar fil-kawza minnha citata (fejn lanqas biss saret ebda kjamata!) ma' dik prezenti. Tant hu hekk li, meta giet biex tiddeciedi din it-tieni eccezzjoni,

hija rrepetiet verbatim dak li kienet qalet fl-ewwel kawza: “dwar din l-eccezzjoni din m’ghandhiex rilevanza ghall-kawza odjerna, *di fronte* ghas-socjeta` attrici, ghaliex ir-relazzjoni tas-socjeta` attrici kienet u baqghet dejjem mal-istess konvenut Raymond Mallia”. L-esponent ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti fil-kawza prezenti setghet tikkonkludi l-kaz b’dan il-mod meta, kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, il-procedura tal-kjamat in kawza ghandha utilita` proceduralì kbira, fost ohrajn, fejn bhal fil-kazijiet tal-kollizzjonijiet awtomobbilistici, ikun hemm azzjoni ta’ rigress tal-konvenut kontra t-terza persuna li taghha tkun qed tintalab is-sejha fil-kawza. Infatti, il-gurisprudenza tal-Qrati taghna ilha zmien twil li hadet atteggjament liberali u, fl-istess hin, aktar rejalistiku, fejn tidhol kwistjoni ta’ sejha fil-kawza, bl-iskop espress ili tigi evitata l-multiplikazzjoni ta’ kawzi inutili u tigi facilitata l-amministrazzjoni aktar spedita tal-gustizzja. Pero` dan kollu ghall-Ewwel Qorti qiesu qatt ma kien u, minkejja li laqghet is-sejha fil-kawza u semghet il-provi relattivi, spiccat biex iddecidiet il-kwistjoni daqs li kieku l-procedura tal-kjamat in kawza lanqas biss tezisti!

Ghaldaqstant, filwaqt li talab li jigi awtorizzat jesebixxi f’dan l-istadju kopja tas-sentenza citata mill-Ewwel Qorti u li saret riferenza ghaliha aktar ‘l fuq, l-appellant talab umilment li, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, din l-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata, partikolarment a bazi tal-art.2148(a) tal-Kodici Civili, u tichad it-talbiet attrici; jew, f’kaz li l-istess eccezzjoni ma tigix accettata, li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-esponent u tikkundanna lill-kjamat in kawza Ben Allal Missoum ihallas l-ammont kollu pretiz mis-socjeta` attrici. Bl-ispejjez, fl-ewwel ipotesi, kontra s-socjeta` attrici u fit-tieni ipotesi, kontra l-kjamat in kawza.

## **KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

4. Qabel xejn, din il-Qorti thossha fid-dover li tirregistra d-disapprovazzjoni bla rizerva taghha ghal certi kliem u gudizzji offensivi maghmulin mill-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu u qeghda ghalhekk twissi lill-patrocinant

legali ta' l-appellant li m'hijiex ser tittollera skritturi b'dicituri bhal dawn fil-futur u jekk ikun hemm bzonn, darb' ohra, oltre li ma tiehux konjizzjoni tal-att billi tirrigettah, tiehu passi kontra min issib responsabbli ghal dan id-disprezz. Li parti ma taqbilx ma' dak li jkun gie deciz jew kostatat minn gudikant hija haga, imma li wiehed jittimbra tali operat bi frazijiet bhal "huwa verament deplorevoli (u forsi sintomu tal-mentalita' tas-*'slot machines'*) "; "illi, kif jghid il-qawl, il-gurnata minn filghodu turik", "l-esponent hass li kellu jenfasizza r-retroxena ta' dan il-kaz biex juri x'wassal ghat-tahwid li waslet ghalih l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha" mhux biss ma jghinu xejn biex jekk hemm aggravju x'jigi kkonsidrat dan isir bid-debita serenita`, imma jesponi lill-awtur ghall-penalitajiet komminati mil-ligi. Il-Qorti ghalhekk tispera li ma jkollhiex ghalfejn terga' tintervjeni fil-futur f'dan is-sens. Fit-tieni lok, din il-Qorti qeghdha tammetti l-esebizzjoni ta' kopja ta' sentenza li giet esebita fl-atti tal-Appell da pati tal-konvenut appellant akkompanjata b'talba ad hoc.

5. Dwar il-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut appellant, hemm aggravju dwarha fis-sens li l-ewwel Qorti naqset milli tiddecidiha b'kap separat. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza apellata u jidhrilha li dan l-aggravju m'huwiex sorrett mill-atti. Huwa veru li l-ligi tal-procedura taghna tesigi li tali eccezzjoni ghandha tigi deciza separatament mill-bqija ta' l-eccezzjonijiet l-ohrajn, jekk ikun hemm. Pero` l-ewwel Qorti precizament hekk ghamlet. Minn qari akkurat tas-sentenza jirrizulta kjarament li l-ewwel Qorti ikkunsidrati taht kapi separati l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet (ara fol. 91 u 93 et seq tal-process). Wara li ddeliberat dwar il-preskrizzjoni u waslet ghall-konkluzjoni li hemm gurisprudenza li tirritjeni li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali u li kien hemm fi kwalunkwe kaz interruzzjoni, l-ewwel Qorti qalet espressament hekk (ara l-ahhar zewg linji, fol. 92),
"... ghalhekk anke f'dan ir-rigward, l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha".

Dwar il-fatt eccepit li parti minn dak mitlub bhala dejn kien jikkomprendi hlas ta' taxxa lill-Gvern, l-ewwel Qorti,

b'riferenza ghall-artiklu 2149(e) tal-Kap. 16 irriteniet li dan l-artikolu (fol. 93),
"... m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern, u kwindi din l-eccezzjoni lanqas ma tista' tigi milqugha".

Meta l-ewwel Qorti kienet daqstant cara u kategorika fil-korp tas-sentenza ma kienx hemm il-htiega li terga' tirrepeti ruhha fil-parti konkluziva u ghalhekk il-frazi generika li hija uzat fl-ahhar meta qalet li "filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut", dan certament ma kienx ifisser li l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni ma gietx deciza separatament fit-termini tal-ligi.

6. Fit-tieni lok, il-konvenut appellant jissottometti li mhux minnu li hu qatt ircieva xi ittra ufficjali u ma kienx hemm kwindi dik l-interruzzjoni tat-terminu kif zbaljatament hemm imsemmi fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti, wara li ezaminat dana l-aggravju, hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li l-prova dwar l-ispedizzjoni u notifika ta' ittra ufficjali da parti tal-attur baqghet ma saritx u l-konvenut fil-fatt ikkontesta dan fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, jirrizulta pero` li l-parti deliberativa fis-sentenza dwar l-ittra ufficjali (fol. 92 tal-process) kienet preceduta minn kostatazzjoni valida ohra, igifieri
"Illi peress li tali servizz baqa' provdut interrottament (recte ininterrottament) sa Dicembru 1996, jirrizulta li l-perjodu preskrittiv ta' hames snin ma lahaqx iddekorra la mal-prezentata tac-citazzjoni fl-14 ta' Ottubru 1997 ...."

Il-konvenut appellant, forsi konvenjentement ghalih, donnu jinjora din il-parti tad-decide. Minbarra dan, din il-Qorti tosserva li minn ezami tal-prospett esebit mill-attur (Dok B, fol. 6 tal-process) ghandu jirrizulta li l-ewwel partita dovuta tmur lura sa Marzu 1993 filwaqt li l-att tac-citazzjoni, kif gie rilevat fis-sentenza, gie pprezentat fl-14 ta' Ottubru 1997. Probabilment li bi zvista, l-ewwel Qorti indikat l-artikolu 2156(1) li, kif tajjeb issottometta l-appellant, ma jezistix. Imma l-Qorti xorta wahda u gustament irritenniet li f'kazi simili, u wara li rreferiet ghal sentenzi f'dan is-sens, kellha tapplika hawn il-preskrizzjoni

ta' hames snin u li tali perjodu ma kienx ghadu ddekorra u li ghalhekk cahdet din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mill-appellant. Illi ghalhekk dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

7. Dwar il-meritu wkoll hemm aggravju. L-appellant konvenut ma setax jifhem kif l-ewwel Qorti akkollata bir-responsabilta` tad-dejn u fl-istess waqt illiberat lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju u dan minkejja li l-istess kjamat fil-kawza baqa' kontumaci u ma gabx prova li ssalda d-dejn.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li bil-fatt li l-kjamat fil-kawza gie ddikjarat kontumaci minhabba li pprezenta nota ta' eccezzjonijiet "fuori termine", huwa xorta wahda ghandu jitqies li kien qieghed jikkontesta, u mhux jammetti, t-talbiet dedotti fic-citazzjoni.

Jirrizulta bhala fatt, indipendentement igifieri minn min kien tenut responsabbli bil-ligi li jissalda d-dejn de quo, li l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici baqa' ma thallasx.

Il-konvenut ma jeccepix il-pagament imma jghid li kull ammont simili kellu jithallas mill-kjamat fil-kawza u mhux minnu. Dwar il-fatt li ma sarx hlas min-naha tal-kjamat fil-kawza jkun rilevanti li ssir riferenza ghal dak li jissottometti dwaru l-istess appellant fir-rikors ta' appell (ara para 14) igifieri li "dak li (il-kjamat fil-kawza) jallega dwar il-hlas baqa' fl-ajru ghaliex, minkejja li qal li hallas kontanti, huwa ma gab ebda ricevuta ghal dan il-hlas ...". Fl-istess waqt pero` l-appellant isostni li l-kjamat fil-kawza "jammetti li r-responsabbilta` ghall-hlas kienet tieghu".

Mill-provi akkwiziti, pero`, ghandu jemergi li, bil-maqlub ta' dak li jasserixxi l-appellant, m'huwiex minnu li l-kjamat fil-kawza jammetti xi responsabbilta`. Anzi dan isostni li kwalsiasi hlas akkont li huwa seta' ghamel – bla ma gab prova sufficjenti – in konnessjoni ma' l-uzu ta' din il-linja telefonika kkollokata fi proprjeta` ta' l-attur, ghamlu ghan-nom tas-socjeta` Amal Company, kumpanija mil-Libja fl-industrija tal-bejgh tal-hut, li maghha huwa kien semplici impjegat. Din il-kumpanija m'hijiex parti fil-kawza u

certament is-socjeta` attrici m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika maghha.

8. Illi minn ezami tal-ftehim li gie esebit mis-socjeta` attrici, ara Dok A, a fol. 5 tal-process, jirrizulta kjarament li l-ftehim ghall-installazzjoni ta’ linja telefonika fil-fond “Blye”, Triq Vincenzo Hyzler, San Gwann, sar bejnha u bejn il-konvenut Raymond Mallia. Fi kliem iehor, il-kjamat fil-kawza ma jissemma’ mkien u lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi trasferiment awtorizzat dwar l-istess linja telefonika. Minn dan isegwi li n-ness jew rabta kontrattwali bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut baqghet invarjata. Issa li kieku hemm provi attendibbli li juru li r-responsabbilta` ghall-hlasijiet dovuti dwar l-uzu tal-linja telefonika numru 373641 daret fuq il-kjamat in kawza allura seta’ jkun il-kaz li jinzamm ultimament responsabbli l-kjamat fil-kawza imma l-provi f’dan ir-rigward huma dghajfin u konfuzi ghall-ahhar. Issa l-ligi taghna, barra mill-intervent volontarju, tirrikonoxxi l-intervent koatt, igifieri l-kjamat-in-kawza tant fuq talba tal-partijiet kemm “ex officio”. Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet “M. Libreri – vs – E. Staines noe” (Prim’ Awla, 29 ta’ Ottubru 1935 (Koll Vol XXIX-11-706) ), “il-kjamata-in-kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li ghandha d-dover li tordnaha. L-interess hu dak stess rikjest biex tigi proposta azzjoni jew biex tista’ tigi opposta kontestazzjoni”. Applikat ghall-kaz in ezami, dan l-insenjament juri li bil-fatt biss li l-linja telefonika flimkien mas-servizz ipprovdut fuq ftehim mal-konvenut kien qed jigi wzat mill-kjamat–in-kawza dan mhux sufficjenti biex jezonera jew jezimi lill-konvenut, bhala l-parti li dahlet fi ftehim mal-kontroparti attrici, mill-obbligi taghha versu min ipprovdielha s-servizz. Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) fil-15 ta’ Marzu 1991 (Vol. LXXV-11-560) fil-kawza fl-ismijiet “Agent Accountant General – vs – George Xuereb noe”, l-utilita` tal-prezenza fil-kawza tas-subappaltatur (kif kien dak il-kaz) giet mistharrga sew u nsibu li tali presenza hija hekk utli
“kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-subappaltatur li esegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan ta’ l-ahhar ma jkunx, ’il quddiem, jista’ jilmenta mal-

konvenut li dan ma avvanzax difiza valida u efficjenti fil-konfront ta' l-atturi u b'hekk gie li bata huwa..."

Izda f'dik is-sentenza, dik il-Qorti kompliet telabora kif gej, "Fuq kollox pero` t-talba ghall-kjamat -in-kawza b'ebda mod ma setghet tfisser illi b'daqshekk is-socjeta` konvenuta kienet qatt tehles, a bazi taghha, mir-responsabbilita` kuntrattwali taghha, kif din hija stabbilita` mill-kuntratt ta' appalt. Ara wkoll "Joseph Riolo pro et noe -vs- Carmel Muscat", Appell Civili, 15 ta' Marzu 1991".

U meta, kif gia` nghad, il-provi dwar ir-responsabbilita` o meno tal-kjamat in-kawza, fil-kaz in ezami hija daqstant tenwa, ghamlet sew l-ewwel Qorti li ddecidiet bil-mod kif iddecidiet. Fil-fatt, hemm ukoll pronunzjament f'dan is-sens mill-Qrati taghna. Hekk fl-Appell Civili in re: "Calcedonio Camilleri -vs- Emanuel Farrugia et", deciza fis-17 ta' Marzu 1943 gie ritenut li:
"Il-ligi ma taghmilx obbligu lill-Qorti li tikkundanna jew tillibera lill-imsejjah fil-kawza, u ghalhekk ma hemm ebda irritwalita` jekk il-Qorti ma tiddeciedi xejn di fronte ghalih".

Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ddecidiet billi oltre li akkoljiet it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut, ghaddiet ukoll biex illiberat lill-kjamat in kawza mit-talbiet attrici "salv kull dritt li jista' jkun spettanti lill-konvenut kontra l-kjamat in kawza". Dan ukoll ghar-raguni li sa issa l-kjamat fil-kawza (ara r-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell tal-konvenut) ghadu jikkontesta bis-shih l-allegazzjonijiet tal-appellant fil-konfront tieghu – materja din li trid tigi epurata allura fi procedura separata.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont tal-provi prodotti, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija wahda gusta u legalment korretta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------